## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bin-numru 531/2024/1 MS fl-ismijiet:*

**L-Avukat Dott. Matthew Cutajar bħala mandatarju speċjali ta' Godfrey Swain u Maryanne Swain**

**Vs.**

**L-Awtorità tal-Ippjanar**

1. Ir-rikorrenti nomine, b'rikors tas-26 ta' Marzu 2024, talab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni sabiex l-intimata tinżamm milli «*tikkunsidra u/jew tiddeċiedi l-applikazzjonijiet bin-numru PA/07607/18 u PA/00367/19*».

2. L-intimata wieġbet fl-1 t'April 2024 billi tat ir-raġunijiet għaliex skont hi l-mandat m'għandux jinħareġ.

3. Inżammet udjenza fit-18 t'April 2024 li fiha d-difensuri tal-kontendenti trattaw ir-rikors.

4. L-artikolu 873(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li: «*L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat*», filwaqt li l-artikolu 873(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li, «*Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet*».

5. Minn żmien ilu, ġie kkunsidrat illi l-elementi neċessarji sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dan huma tlieta, u ċjoè (i) li jidher li l-intimat ikun se jwettaq fatt li jkun ta' ħsara għar-rikorrent; (ii) li r-rikorrent ikollu jedd mad-daqqa t'għajn li jimpedixxi dak il-fatt milli jseħħ; u (iii) li l-ħruġ tal-mandat ikun neċessarju sabiex jiġi preservat dak id-dritt (ara, per eżempju, ***Giacomo Galea vs. Pio Bezzina***, Appell Superjuri, 5/8/1954[1], fost bosta deċiżjonijiet oħra). Meta mbagħad il-ħruġ tal-mandat jintalab kontra «*l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha*», b'applikazzjoni tal-artikolu 873(3) tal-Kodiċi preċitat, jiżdiedu żewġ elementi oħrajn, u ċjoè li (iv) l-persuna li fil-konfront tagħha jkun qed jintalab il-mandat tiddikjara fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li r-rikorrent irid iżomm milli ssir tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u (v) kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma. Dawn l-elementi huma lkoll kumulattivi.

6. Waqt l-udjenza tat-18 t'April, 2024, l-intimata ddikjarat fil-qorti bil-miftuħ «*...li dak li r-rikorrenti qed jitolbu li jinżamm milli jsir, kien ser jsir li ma kienx għal Mandat*».

7. Minn dak li jirriżulta mill-iskritturi ġudizzjarji rispettivi tal-kontendenti, mid-dokumenti mehmuża magħhom kif ukoll mis-sottomissjonijiet orali li saru waqt l-

[1] Kollezz. Vol.XXXVIII.i.336.

imsemmija udjenza, l-applikazzjonijiet imsemmija fit-talba tar-rikorrenti kienu ġew preżentati lill-intimata minn terzi[2]. Dawn l-applikazzjonijiet kienu dwar żvilupp propost fil-fond bin-numru 16A fi Triq il-Wileġ f'San Lawrenz, ġewwa Għawdex[3]. Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond adjaċenti, u ċjoè dak bin-numru 15 u 16, fl-istess triq u lokalità. Mhux kontestat mir-rikorrenti li huma ma rreġistrawx ruħhom bħala terzi nteressati fl-applikazzjoni numru PA/07607/18. Ir-rikorrenti però jgħidu li huma rreġistraw l-interess tagħhom dwar l-applikazzjoni bin-numru PA/00367/19, iżda dan huwa kontestat mill-intimata, li tgħid li dan l-interess qatt ma ġie reġistrat, u mhux possibbli li s-sistema elettronika tagħha naqset milli tirreġistra dak l-interess kieku saret talba f'dan is-sens. Ġara però li ż-żewġ applikazzjonijiet ġew miċħuda mill-intimata. Ir-rikorrenti ressqu talba lill-Kunsill Eżekuttiv tal-intimata għall-iskedar tal-proprjetà, liema talba ġiet milqugħa bil-konsegwenza li l-proprjetà ġiet skedata taħt grad numru tnejn, bis-saħħa ta' GN/1052/20. Appell minn din id-deċiżjoni ġie miċħud. Sadanittant, l-applikanti tal-applikazzjonijiet bin-numri PA/07607/18 u PA/00367/19 appellaw mid-deċiżjonijiet tal-intimata li bihom ġew rifjutati l-applikazzjonijiet tagħhom. B'deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2022, it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ħassar id-deċiżjonijiet tal-intimata, u ordnalha li tikkunsidra mill-ġdid iż-żewġ applikazzjonijiet wara li jsiru l-emendi neċessarji fil-pjanti sottomessi oriġinarjament[4].

8. Ir-rikorrenti jgħidu li saru pjanti ġodda, u b'konsegwenza tagħhom is-Sovraintendenza tal-Patrimonju Kulturali bidlet ir-rakkomandazzjoni tagħha b'mod li l-iżvilupp propost issa kien aċċettabbli għaliha. Ir-rikorrenti ma qablux mar-rakkomandazzjonijiet tas-Sovraintendenza, u talbu lill-intimata tippubblika mill-ġdid il-proposta ta' żvilupp mertu tal-applikazzjonijiet in kwistjoni[5]. L-intimata rrifjutat li tagħmel dan[6], billi sostniet li t-tibdil magħmul ma kienx jikkostitwixxi "bdil materjali" li jiġġustifika l-pubblikazzjoni mill-ġdid skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva). Ir-rikorrenti talbu rikonsiderazzjoni ta' din id-deċiżjoni[7], partikolarment minħabba l-fatt li wara l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni oriġinali, l-bini adjaċenti kien ġie skedat u dan minnu

[2] Talba ta' wieħed minn dawn it-terzi biex jintervjeni fl-atti ta' dawn il-proċeduri ġiet miċħuda b'dikriet kamerali mogħti fil-5 t'April 2024 (fol.225).
[3] Ara folio 2 u folio 14.
[4] Ara folio 194 u 205.
[5] Ara folio 190 u 201.
[6] Ara folio 57.
[7] Ara folio 59.

nnifsu kien jikkostitwixxi "bdil materjali". Din it-talba wkoll kienet rifjutata, u fir-rifjut sar riferenza għall-fatt li l-estensjoni tal-proprjetà skedata kif fuq imsemmi kienet se tinbidel, tant li t-talba għal din il-bidla kienet approvata mill-Kunsill Eżekuttiv tal-intimata fl-1 t'Awwissu 2023. Ir-rikorrenti ma qablux ma' din il-bidla għal bosta raġunijiet, u appellaw mid-deċiżjoni tal-intimata quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar[8]. Dan l-appell għadu pendenti.

9. Fil-frattemp, ir-rikorrenti ressqu azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kontra l-intimata, permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 130/2024AB[9], li fiha qed jimpunjaw kemm id-deċiżjoni tal-intimata li tbiddel l-estensjoni tal-iskedar u kemm id-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-pubblikazzjoni mill-ġdid taż-żewġ applikazzjonijiet ċitati bħala *ultra vires*. Din il-kawża wkoll għadha pendenti fl-ewwel istanza.

10. Issa b'dawn il-proċeduri, r-rikorrenti jridu li l-intimata tieqaf milli tkompli tikkunsidra l-applikazzjonijiet suriferiti, għaliex l-issoktar fl-ipproċessar ta' dawk l-applikazzjonijiet jippreġudikahom.

11. Mill-fatti kif esposti, din il-qorti tirrileva li ma tistax ma tagħtix piż lis-sottomissjoni tal-intimata li r-rikorrenti naqsu meta ma rreġistrawx l-interess tagħhom bħala terzi fiż-żewġ applikazzjonijiet ċitati fit-talba tagħhom (ara, bħala riflessjoni ta' dan, id-deċiżjoni ***Carmelo Farrugia et vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et****,* Appell Superjuri, 27/11/2009). Għalkemm huwa minnu li r-rikorrenti qed jikkontestaw li huma ma rreġistrawx l-interess tagħhom fl-applikazzjoni numru PA/00367/19 (tant li anki offrew ix-xiehda tal-perit tagħhom f'dawn il-proċeduri bħala prova li r-reġistrazzjoni ntalbet), m'hemmx kontestazzjoni li dwar l-ewwel applikazzjoni dik ir-reġistrazzjoni ma ntalbitx. Il-qorti tinnota wkoll li r-rikorrenti ma jidhirx li kkontestaw in-nuqqas tal-intimata li tagħraf it-talba tagħhom biex jiġu reġistrati bħala terzi nteressati *a tempo vergine* tan-nuqqas allegat minnhom.

[8] Ara folio 62.
[9] Ara folio 129.

12. Madanakollu, l-qorti tagħraf ukoll li l-kwistjoni bejn il-partijiet illum tmur oltre dak li seħħ fil-bidu tal-proċess tal-applikazzjonijiet in kwistjoni. Ir-rikorrenti jsostnu li l-iżvilupp propost inbidel, u nbidlu wkoll iċ-ċirkostanzi li jirrigwardawh, u dan kellu jwassal lill-intimata tippubblika mill-ġdid l-applikazzjonijiet, bil-konsegwenza li r-rikorrenti jkollhom opportunità oħra sabiex jirreġistraw l-interess tagħhom. L-intimata tgħid li ma hemm ebda "tibdil materjali", u għalhekk mhux meħtieġa l-pubblikazzjoni mill-ġdid.

13. Il-qorti tagħraf li din il-proċedura m'hijiex il-lok fejn għandha tiġi kkunsidrata u epurata l-kwistjoni dwar jekk it-tibdil ċitat mir-rikorrenti jikkostitwiex tibdil materjali kif isostnu huma. Kemm hu hekk, sabiex jikkontestaw id-deċiżjoni tal-intimata, r-rikorrenti ressqu kawża. L-intimata fir-risposta tagħha ssemmi bosta raġunijiet għaliex skontha, dik il-kawża hija destinata li tfalli. Raġunijiet però li ma jinteressawx lill-qorti f'din il-proċedura.

14. Dak li jinteressa lill-qorti però huwa l-fatt li bl-azzjoni minnhom preżentata, r-rikorrenti għandhom il-jedd u l-opportunità, kemm-il darba juru lill-qorti adita bil-kawża li għandhom raġun, li jiksbu t-tħassir tad-deċiżjoni tal-intimata li ma tippubblikax mill-ġdid l-applikazzjonijiet in kwistjoni. Kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Avv. Dr. Michael Psaila noe et vs. Nancy Caruana noe et*** (Prim'Awla, 17/12/2021): «*L-element tal-ħtieġa li jrid jintwera f'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, jiġi nieqes jekk kemm-il darba l-għemil li jrid jitwaqqaf jista' jiġi mħassar b'sentenza ġudizzjarja, wara li jkun ġie mistħarreġ il-mertu (ara inter alia* ***Avukat Victor Borġ Grech v. Joseph Gasan et noe****, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Jannar, 1993 u* ***Airmode Limited v. Malta International Airport p.l.c. et****, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar 2017)*». Jgħodd ukoll dak li qieset din il-qorti, kif diversament presjeduta, fid-deċiżjoni ***Dragonara Gaming Limited vs. Il-Ministeru tal-Finanzi et*** (28/11/2014):

> Tqis li, f'dan il-każ, intwera li r-rimedju għall-ilmenti li Dragonara qiegħda tressaq kontra l-intimati jew kontra min minnhom ma jiddependix mill-ħruġ tal-Mandat. Il-liġi tagħti lil Dragonara għażla ta' rimedji ġudizzjarji li tista' tinqeda bihom biex tiżgura li l-jedd *prima facie* li hija għandha għadha tista' tħarsu b'mod effettiv. Il-ħruġ tal-Mandat mitlub minnha, iżda, ma jidhirx li huwa wieħed minnhom, partikolarment minħabba n-natura straordinarja

> tiegħu. Il-qagħda attwali ma waslitx fi stadju li ma tistax titreġġa' lura u jekk joħroġ tabilħaqq li n-nuqqasijiet li Dragonara tilminta minnhom fil-proċess tal-għażla tassew tebbgħu dak il-proċess, ir-rimedju li jista' jingħata huwa t-tħassir ta' kulma jkun sar. Għalhekk ma huwiex meħtieġ li biex dak ir-rimedju jinkiseb, irid ikun inħareġ il-Mandat. Dan jgħodd ukoll għal min iqis li n-nuqqas ta' ħruġ tal-Mandat ikun tah xi assoluzzjoni ġenerali li jista' jagħmel li jogħġbu jew li dak li sar sa issa ma jistax ikun mistħarreġ mill-ġdid fis-sedi u fi proċediment xieraq

15. L-istħarriġ għalhekk tal-ilmenti tar-rikorrenti nomine dwar id-deċiżjoni tal-intimata li ma tippubblikax mill-ġdid l-applikazzjonijiet in kwistjoni joffri rimedju xieraq u adekwat lir-rikorrenti, għaliex jekk dawn l-ilmenti jirriżultaw fondati, jwasslu għat-tħassir ta' dik id-deċiżjoni, **kif ukoll għat-tħassir ta' kull proċess ieħor konsegwenzjali għad-deċiżjoni mħassra**. Dan hu r-rimedju li l-liġi tagħti lir-rikorrenti, u huwa rimedju li d-disponibilità tiegħu tinċidi fuq il-ħtieġa għal dan il-mandat (ara wkoll fl-istess sens ***Flimkien għall Ambjent Aħjar et vs. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et***, Prim'Awla, 22/7/2016).

16. Bl-istess mod, u anzi *a fortiori*, il-qorti qed tasal għall-istess konklużjoni dwar l-ilmenti tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tal-intimata li tbiddel l-estensjoni tal-iskedar tal-proprjetà tagħhom. Deċiżjoni li dwarha sar appell mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, apparti talba speċifika wkoll fil-kawża bin-numru 130/2024 AB.

17. Ir-rikorrenti però jsostnu wkoll li l-fatt li għandhom azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju miftuħa għalihom ma hux biżżejjed biex iġib fix-xejn il-ħtieġa tal-mandat, għaliex jekk l-iproċessar tal-applikazzjonijiet ma jinżammx kif qed jitolbu huma, jista' jinħareġ il-permess ta' żvilupp favur it-terzi li mbagħad ikunu muniti bil-fakultà li jwettqu l-istess żvilupp, u dak ma jkunx jista' jitreġġa' lura. Il-qorti però ssib li din is-sottomissjoni hija radikata, almenu f'dan l-istadju, fl-ipoteżi u fil-konġettura. Għad ma hemm ebda permess ta' żvilupp maħruġ, u l-qrati ma jistgħux jordnaw il-ħruġ ta' mandati t'inibizzjoni abbażi ta' ipoteżijiet u mera possibilità (ara ***Diane Galea vs. Andrew Spiteri et***, Prim'Awla, 28/11/2008).

18. La darba għalhekk il-qorti qed tasal għall-konklużjoni li l-mandat mhux meħtieġ biex jiġi preservat xi dritt mir-rikorrenti, mhux neċessarju li teżamina l-elementi l-oħrajn li jridu jkunu sodisfatti sabiex il-mandat jinħareġ.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-dikriet tagħha tas-26 ta' Marzu 2024 li bih laqgħet proviżorjament it-talba tar-rikorrenti nomine, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti nomine bl-ispejjeż kontrih.

Mogħti kameralment fit-23 t'April, 2024.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur